KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 12 ta' Awwissu 2009 (27.08)
(OR. en)

12639/09

PUBLIC 132

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL ĠUNJU 2009

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– L-ANNESS I li fih lista tal-atti adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2009.[1] [2]
– L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati b'kodeċiżjoni, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data reali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi b'kodeċiżjoni jitqiesu li jkunu ġew adottati biss wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma awtentiċi biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva tal-atti leġislattivi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill".

# LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
# F'ĠUNJU 2009

**L-2946 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2009**

*Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/956/ĠAI li tistabbilixxi Netwerk Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi*
9770/09

*Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali*
ĠU L 168, 30.6.2009, p. 35–40

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-komunikazzjoni bir-radju bejn unitajiet operattivi f'żoni transkonfini*
10141/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi għall-2009-2012 rigward l-Indikaturi dwar it-Tnaqqis fil-Provvista u l-Istrumenti biex tkun Analizzata l-Effikaċja u l-Impatt tal-Politika dwar id-Drogi*
9634/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu aħjar tas-SIS u s-SIRENE għall-protezzjoni tat-tfal*
9148/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili*
9976/09 + REV 1 (ro)+ REV 2 (sl)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) Rapport Annwali 2008*
9410/2/09 REV 2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Netwerk informali tal-UE ta' Relaturi Nazzjonali jew Mekkaniżmi Ekwivalenti dwar it-Traffikar tal-Bnedmin*
8723/4/09 REV 4

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra tlielaq illegali ta' vetturi bil-mutur*
10140/09 + COR 1 (lv)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bbażati fuq il-VTKO 2009 u r-ROCTA*
8301/3/09 REV 3

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-seba' Rapport Annwali tal-Eurojust (sena kalendarja 2008)*
7682/09 + REV 1 (en)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni*
8793/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni ulterjuri tas-SIS II*
9787/2/09 REV 2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-għeluq taċ-Ċentru ta' Detenzjoni tal-Bajja ta' Gwantanamo*
10523/2/09 REV 2

**L-2947 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2009**

*Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1–11

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE*
PE-CONS 3733/4/08 REV 4

*Regolament (KE) Nru 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 167, 29.6.2009, p. 12–23

*Regolament (KE) Nru 545/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità*
ĠU L 167, 29.6.2009, p. 24–25

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' emenda għall-Protokoll ta' Kjoto skont l-Artikolu 20 tiegħu*
10644/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-flessigurtà fi żminijiet ta' kriżi*
10388/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Servizzi Soċjali bħala għodda għall-inklużjoni attiva, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u qasam għall-opportunitajiet tal-impjiegi*
10052/09 + COR 1 (lv)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Opportunitajiet indaqs għal nisa u rġiel: tixjiħ attiv u dinjituż*
10412/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inklużjoni tar-Rom*
10394/09 + COR 1

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa*
ĠU C 151, 3.7.2009, p. 1–6

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar azzjoni fil-qasam tal-mard rari*
ĠU C 151, 3.7.2009, p. 7–10

**L-2948 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fid-9 ta' Ġunju 2009**

*Rettifika għad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE ( ĠU L 319, 5.12.2007)*
ĠU L 187, 18.7.2009, p. 5–5

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Prodotti ta' Investiment Mhux Professjonali Offruti Flimkien*
10496/09

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/445/PESK tad-9 ta' Ġunju 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO*
ĠU L 148, 11.6.2009, p. 33–33

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-sorveljanza finanzjarja tal-UE*
10513/1/09 REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għal Azzjoni favur il-Klima*
10352/1/09 REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa*
10252/4/09 REV 4 + REV 4 COR 1 (sk)

**L-2949 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2009**

*Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*
ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26–29

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 1–5

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 500/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 6–13

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93–126

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/475/PESK tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX*
ĠU L 156, 19.6.2009, p. 57–60

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni: TEN-T: Eżami tal-politika "Lejn netwerk tat-trasport trans-Ewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport"*
10649/09

**L-2950 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret il-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2009**

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjoni Atalanta*
10738/09

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 501/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 14–16

*Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/468/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 45–50

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/466/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea mwettqa fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 40–40

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova*
10912/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq*
10794/09

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/467/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK*
ĠU L 151, 16.6.2009, p. 41–44

*Konklużjonijiet tal-Kunsill għal impenn imsaħħaħ tal-UE fl-Afganistan u l-Pakistan*
10742/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Kuxjenza Ewropea u t-Totalitarjaniżmu"*
10710/1/09 REV 1

*Emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej*
ĠU L 184, 16.7.2009, p. 10–11

*Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-Għeluq tal-Faċilità ta' Detenzjoni tal-Bajja ta' Gwantanamo u l-Kooperazzjoni Futura Kontra t-Terroriżmu, ibbażata fuq Valuri Kondiviżi, il-Liġi Internazzjonali, u r-Rispett lejn l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet tal-Bniedem*
10967/09

**L-2951 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2009**
*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani*
10968/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu*
10917/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill - Evalwazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar Kuba*
10920/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent*
10736/2/09 REV 2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran*
11039/09

**L-2952 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-22 u t-23 ta' Ġunju 2009**

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 u li jħassar id-Direttivi 79/373/KEE, 80/511/KEE, 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni 2004/217/KE*
PE-CONS 3611/5/09 REV 5

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom*
PE-CONS 3621/2/09 REV 2

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (tfassil mill-ġdid)*
PE-CONS 3605/2/09 REV 2

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3631/3/08 REV 3

*Direttiva 2009/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-apparat tal-isteering ta' tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (Verżjoni kodifikata)(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 201, 1.8.2009, p. 11–17

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mirja li juru wara ta' tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3635/2/08 REV 2

*Direttiva 2009/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-veloċità massima skont id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija għat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 198, 30.7.2009, p. 15–19

*Direttiva 2009/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li għandha x'taqsam mal-ispazju għall-immuntar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 198, 30.7.2009, p. 20–27

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3683/6/08 REV 6

*Direttiva 2009/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-mekkaniżmu tat-tqabbid u t-treġġigħ lura ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 198, 30.7.2009, p. 4–8

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dwal u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata)*
*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3685/2/08 REV 2

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju prodotta minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompatibilità elettromanjetika) (verżjoni kodifikata)*
*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3686/2/08 REV 2

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' apparati tad-dawl u li jagħmlu sinjal bid-dawl fuq vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti (verżjoni kodifikata)*
*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3688/1/08 REV 1

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal tagħmir ta' dawl u ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata)*
*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3689/1/08 REV 1

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (kontroll statiku) (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3690/2/08 REV 2

*2009/510/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Awstralja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 4–4

*2009/511/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 5–5

*2009/512/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 6–6

*2009/513/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 7–7

*2009/514/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 8–8

*2009/515/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 9–9

*2009/516/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 10–10

*2009/517/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
ĠU L 173, 3.7.2009, p. 11–11

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' kontroll eżistenti li jirrigwardaw id-dudu li jdawwar il-weraq tal-qronfla u l-Qoxra ta' San José*
10942/09 + COR 1 (nl)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn mira aħjar tal-għajnuna lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali"*
10727/09 + COR 1 (lv) + REV 1 (el) + REV 1 COR 1 (el)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-Politika dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli*
10722/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Futur tal-PAK wara l-2013: ħlasijiet diretti"*
10713/09 + COR 1 + REV 1 (el)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea*
10915/09

**L-2953 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2009**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)*
ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1–8

*Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 91/414/KEE biex jiġu inklużi ż-żjut tal-paraffin CAS Nru 64742-46-7, CAS Nru 72623-86-0 u CAS Nru 97862-82-3 bħala sustanzi attivi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
10385/09

*Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 91/414/KEE biex jiġi inkluż iż-żejt tal-paraffin CAS Nru 8042-47-5 bħala sustanza attiva (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
10386/09

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 563/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti awtonomi ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali*
ĠU L 168, 30.6.2009, p. 1–3

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 564/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-tariffi doganali komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd*
ĠU L 168, 30.6.2009, p. 4–17

*Direttiva tal-Kunsill 2009/69/KE tal-25 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-evażjoni tat-taxxa marbuta mal-importazzjoni*
ĠU L 175, 4.7.2009, p. 12–13

*Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55–93

*Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 211, 14*.8.2009*, p. 94–136

*Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1–14

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3651/3/09 REV 3

*Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36–54

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi Dwar il-Viżi)*
PE-CONS 3625/2/09 REV 2

*Direttiva 2009/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
PE-CONS 3687/1/08 REV 1

*Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari*
ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18–22

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Lejn strateġija komprensiva ta' adattament tal-UE*
10435/09 + REV 1 (mt)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (Sarajevo, 26 ta' Ġunju 2009)*
10729/1/09 REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tal-Ambjent fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp*
10944/09 + COR 1

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fir-rigward ta' abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA dwar transitu komuni, li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' transitu komuni*
10373/09 + REV 1 (lt)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea dwar l-adattament tal-Protokoll 10 dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u l-formalitajiet fir-rigward tat-trasport tal-oġġetti u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101*
11029/09 + REV 1 (fi) + REV 2 (hu)

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar l-aġġornament tal-2009 tal-linji gwida ġenerali għal-linji ta' politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Komunità u dwar l-implimentazzjoni tal-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri*
ĠU L 183, 15.7.2009, p. 1–26

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija għall-finijiet tal-emendament tad-Deċiżjoni Nru 1/99 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar prodotti agrikoli pproċessati stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra*
10604/09

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/509/PESK tal-25 ta' Ġunju 2009 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/406/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)*
ĠU L 172, 2.7.2009, p. 36–36

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni provviżorja u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà*
10336/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1 (lt) + REV 2 COR 2 (nl) + REV 3 (hu)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Valutazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Bijodiversità u Lejn Strateġija tal-UE dwar Speċijiet Eżotiċi Invażivi*
10575/09 + COR 1 (cs)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Green Paper dwar il-ġestjoni tal-bijoskart fl-Unjoni Ewropea*
10567/09

**Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Ġunju 2009**

*Negozjati mat-Turkija dwar l-Adeżjoni – Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-Kapitolu 16: Tassazzjoni*

11424/09

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2946 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/956/ĠAI li tistabbilixxi Netwerk Ewropew għall-Protezzjoni ta' Figuri Pubbliċi | 9770/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali | PE-CONS 3735/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej**<br>Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni titlob lil rappreżentanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-livell u fil-mod li l-Qorti tqis adatti, biex jattendu laqgħat tan-Network Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili u kummerċjali. | | | |
| **L-2947 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3614/6/09 REV 6 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE | PE-CONS 3733/4/08 REV 4 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jappoġġa l-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, li hu maħsub biex jirrestrinġi l-istandards ta' emissjonijiet li japplikaw għal vetturi heavy duty u konsegwentement biex titejjeb il-kwalità tal-arja.<br>Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jiddikjara li hu jemmen b'mod sħiħ li l-Artikolu 95 tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) mhuwiex bażi legali adatta għal miżura li fiha dispożizzjonijiet dwar il-politika fiskali.<br>Ir-Renju Unit jibqa' tal-fehma li, fejn il-leġislazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni indiretta, l-Artikolu 93 tat-TKE għandu jkun inkluż bħala bażi legali, jew waħdu jew, fejn adatt, flimkien ma' artikoli oħrajn tat-Trattat. | | | |
| Regolament (KE) Nru 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3645/2/09 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>astensjoni: ES, LV |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mil-Latvja**<br>Il-Latvja tastjeni milli tivvota għall-Proposta għal Regolament dwar ir-Roaming fuq Netwerks Pubbliċi tat-Telefonija Mobbli fi ħdan il-Komunità. Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ l-għan li jiġi żgurat li l-utenti jieħdu l-ogħla benefiċċju mis-servizzi tar-roaming fil-Komunità kollha. Madankollu, il-Latvja ma tistax tappoġġa t-tnaqqis propost tal-limiti massimi għat-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut għal telefonati rregolati bir-roaming.<br>Il-Latvja hi tal-fehma li l-operaturi tat-telefonija mobbli diġà ġarrbu tnaqqis sostanzjali fid-dħul minħabba t-tnaqqis fid-domanda għal servizzi ta' roaming fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja attwali mad-dinja kollha. Għal din ir-raġuni, il-Latvja temmen li t-tnaqqis eċċessiv tat-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut mhuwiex iġġustifikat.<br><br>**Dikjarazzjoni minn Spanja**<br>Ir-Renju ta' Spanja jikkunsidra li wieħed mill-objettivi tal-politika biex jiġi rregolat is-suq tat-telekominikazzjoni hu li l-utenti jkunu jistgħu jibbenifikaw minn servizzi moderni ta' kwalità għolja bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu billi jkun żgurat li s-suq jopera f'ambjent ġenwinament kompetittiv.<br>Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament Nru 717/2007 mhix immirata lejn regolamenti ġenerali tas-suq iżda pjuttost, fil-fehma tad-delegazzjoni Spanjola, għandha impatt dirett fuq l-iffissar tal-prezzijiet finali għas-servizzi sal-2011, bir-riskju ta' interferenza fil-mekkaniżmi naturali tal-kompetizzjoni u fil-bilanċ bejn id-diversi parametri li jirregolawha. Dan jista' jkun partikolarment serju f'ambjent daqshekk volatili u dinamiku bħal dak prevalenti bħalissa fis-suq tat-telekomunikazzjoni.<br>Għal dawn ir-raġunijiet Spanja tikkunsidra li l-proposta tal-Kummissjoni ma tqarrabx lejn l-għanijiet ta' regolamentazzjoni aħjar li r-riforma tar-regoli Komunitarji dwar il-komunikazzjoni għandha tfittex, u tista' toħloq preċedent b'konsegwenzi negattivi għas-suq kollu tat-telekomunikazzjoni elettronika billi tistabbilixxi prezzijiet bl-imnut minflok mekkaniżmi għall-iffissar ta' tariffi li joperaw liberament f'ambjent kompetittiv, bl-inċertezza legali li tirriżulta. | | | |
| Regolament (KE) Nru 545/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità | PE-CONS 3653/1/09 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2948 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fid-9 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Rettifika għad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE | 9602/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2949 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | PE-CONS 3654/2/09 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: DE<br>astensjoni: LV, UK |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, Ġermaniża, Olandiża, Awstrijaka, Svediża u dik tar-Renju Unit**<br>Aħna nappoġġaw l-objettiv tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), flimkien mal-Fond Soċjali Ewopew u strumenti oħrajn, li l-ħaddiema jkollhom l-għajnuna sabiex ilaħħqu mal-konsegwenzi tal-impjieg u dawk soċjali kemm tal-globalizzazzjoni kif ukoll tal-kriżi ekonomika attwali.<br>Filwaqt li jiġi mfakkar li l-EGF huwa intiż biex jikkomplimenta l-miżuri fil-livell tal-Istati Membri, aħna nilqgħu d-deċiżjoni li r-rata ta' kofinanzjament terġa' lura għal 50 % sa tmiem l-2011.<br>Bl-għan tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għall-perijodu fit-tul, aħna ma naraw l-ebda ħtieġa għal bidliet fl-allokazzjonijiet baġitarji għall-EGF matul il-perijodu finanzjarju attwali. | | | |

| TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV | TESTI ADOTTATI | REGOLA TAL-VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana**
Il-Latvja hija favur li l-EGF jsir aktar aċċessibbli u tarah bħal għodda utli sabiex jiġu ttrattati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika attwali. Madankollu, il-Latvja astjeniet mill-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, minħabba li hi tqis li r-rata ta' intervent li żdiedet b'mod sinifikanti (kif proposta inizjalment mill-Kummissjoni) hija l-element l-aktar importanti tal-emendi. F'sitwazzjoni fejn ir-Regolament il-ġdid jirriżulta biss f'żieda moderata fir-rata ta' intervent, filwaqt li jillaxka l-kondizzjonijiet l-oħrajn kollha għall-applikazzjonijiet, il-Latvja għandha dubji serji dwar jekk dawk li huma l-aktar fil-bżonn tal-assistenza humiex ser jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Dwar l-Artikolu 2 (Definizzjoni ta' telf ta' impjiegi)
Il-Kummissjoni tikkonferma li t-telf ta' impjiegi li jirriżulta minn ftehim reċiproku wara sejħa għal kandidati minn min iħaddem huwa telf ta' impjiegi fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-EGF u jista' jiġi inkluż meta jingħadd it-telf ta' impjiegi tal-kwantità tal-limitu de minimis u l-miżuri. Il-ħaddiema li jaċċettaw l-irtirar bikri wara sejħa għal kandidati minn min iħaddem jistgħu jiġu inklużi bl-istess mod bħala ħaddiema li tilfu l-impjieg fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-EGF kemm għall-kwantità tal-limitu de minimis kif ukoll għall-miżuri (jekk applikabbli).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Dwar l-Artikolu 2(b) (Reġjuni tal-livell NUTS II)
F'każijiet fejn applikazzjoni għall-EGF skont l-Artikolu 2(b) tiġi ppreżentata minn Stat Membru, jekk ikun hemm aktar telf ta' impjiegi f'reġjun ieħor tal-livell NUTS II tal-istess Stat Membru minħabba l-istess kawża u matul l-istess perijodu fl-istess diviżjoni NACE 2, il-Kummissjoni tqis li tkun tista' ssir applikazzjoni għal assistenza tal-EGF għal dawn il-ħaddiema skont l-Artikolu 2(c) waqt li jiġu kkwotati ċirkostanzi eċċezzjonali.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Dwar l-Artikoli 2(c) u 12(6) (Swieq tax-xogħol żgħar jew ċirkostanzi eċċezzjonali)<br>Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 12(6) tar-Regolament dwar l-EGF tiżgura li l-flus ser ikunu disponibbli matul is-sena kollha għal applikazzjonijiet ġodda u li l-Artikolu 2(c) jagħmilha possibbli li jkunu akkomodati każijiet li jirriżultaw minn swieq tax-xogħol żgħar jew ċirkostanzi eċċezzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati fl-ordni li fiha huma jaslu u li kull applikazzjoni tiġi ttrattata fil-perijodu ta' żmien stipulat għaliha stess u fuq il-merti proprji tagħha. Il-Kummissjoni tikkonferma li hi ser tkompli tmexxi l-EGF sabiex l-applikazzjonijiet kollha jiġu ttrattati indaqs u b'mod ġust f'konformità mar-Regolament.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Dwar l-Artikolu 11(2) (Ħlasijiet b'rata fissa)<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li l-formulazzjoni proposta tal-Artikolu 11(2) hi l-istess bħal dik użata fil-każ tal-Fondi Strutturali u li l-informazzjoni relatata mal-applikazzjoni ta' din il-formulazzjoni, li ġiet ipprovduta għall-użu fil-Fondi Strutturali, tapplika wkoll għall-EGF.<br><br>**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Maltija**<br>Malta tilqa' u tappoġġa l-estensjoni tal-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), sabiex ikun hemm għajnuna għall-ħaddiema affettwati mill-kriżi ekonomika attwali.<br>Madankollu, Malta ttenni t-tħassib tagħha li t-tnaqqis tal-limitu ġenerali li jwassal għal eliġibbiltà għall-finanzjament ta' telf ta' sa 500 impjieg, jista' jirriżulta f'sitwazzjonijiet fejn kriżi maġġuri fi Stat Membru żgħir tiġi ttrattata bl-istess mod bħal problema relattivament inqas serja fi Stat Membru kbir. Barra minn hekk, it-tnaqqis tal-limitu jista' jirriżulta f'għadd kbir ta' applikazzjonijiet li jqiegħdu r-riżorsi tal-fond taħt pressjoni sinifikanti. Malta ttenni li jeħtieġ li jiġi żgurat li dejjem ikun hemm fondi suffiċjenti disponibbli għal applikazzjonijiet minn Stati Membri żgħar fil-każ ta' telf ta' impjiegi li jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomiji tagħhom.<br>Malta tqis li żieda fir-rata ta' kofinanzjament kienet tkun aktar adatta fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2952 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-22 u t-23 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 u li jħassar id-Direttivi 79/373/KEE, 80/511/KEE, 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni 2004/217/KE | PE-CONS 3611/5/09 REV 5 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
1. Reviżjoni tal-Anness IV:
Sabiex jiġi adattat l-Anness IV (dwar it-tolleranzi għat-tikkettar tal-kompożizzjoni ta' materjali tal-għalf u għalf kompost) kif previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament għall-iżvilupp xjentifiku u tekniku, il-Kummissjoni u s-servizzi tagħha jipprevedu li jeżaminaw l-Anness IV msemmi hawn fuq. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni ser tikkunsidra wkoll ċerti materjali tal-għalf b'kontenut ta' umdità ogħla minn 50 %.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
2. Tikkettar tal-addittivi:
Il-Kummissjoni ser tanalizza jekk il-prinċipji ta' informazzjoni permezz tat-tikkettar tal-għalf jistgħux japplikaw ukoll għall-addittivi u t-taħlit minn qabel awtorizzat skont ir-Regolament 1831/2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>3. Interpretazzjoni ta' "kwalunkwe urġenza relatata mas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent" kif indirizzata mill-Premessa 21, l-Artikolu 5 u l-Artikolu 17 Il-Kummissjoni tifhem li "kwalunkwe urġenza relatata mas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent" tista' tinkludi urġenzi ġġenerati fost l-oħrajn minn negliġenza, frodi intenzjonali u atti kriminali.<br><br>**Dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Franċiża, Ġermaniża, Awstrijaka u dik Ċeka**<br>Id-delegazzjoni Franċiża, Ġermaniża, Awstrijaka u dik Ċeka jikkunsidraw li dan ir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għalf, u b'mod partikolari l-premessa 2 tiegħu, ma jippreġudikax l-istatus legali tal-għalf b'medikamenti li huwa rregolat minn strumenti oħrajn, b'mod partikolari id-Direttiva 90/167/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 1990 li tistipula l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-preparazzjoni, id-dħul fuq is-suq u l-użu fil-Komunità ta' prodotti tal-ikel medikat. | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom | PE-CONS 3621/2/09 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Olanda**<br>L-Olanda tappoġġa l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tissimplifika l-leġislazzjoni Komunitarja fir-rigward tal-medoti għall-approvazzjoni tat-tip. Madankollu, seta' sar użu aħjar mill-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam sabiex tkun evitata kwalunkwe ambigwità fl-implimentazzjoni tal-proċess għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi tat-triq.<br>L-Olanda hija sodisfatta bil-valuri ta' limitu proposti għat-tajers tal-karozzi tal-passiġġieri. Madankollu, il-proposta setgħet kienet aktar ambizzjuża fir-rigward tat-tajers tat-trakkijiet. Il-proposta attwali ser twassal biss għal titjib żgħir fil-livelli ta' ħoss fil-qrib tal-awtostradi. L-Olanda tixtieq tenfasizza l-importanza li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-kuntest tal-evalwazzjoni fl-2012. | | | |

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TAL-VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta’ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS) (tfassil mill-ġdid)</td><td>PE-CONS 3605/2/09 REV 2</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni Unilaterali mil-Lussemburgu<br>Ir-regoli l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta’ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS) ser iġibu benefiċċji sostanzjali għall-investituri (fil-forma ta' informazzjoni ċara, rilevanti u li tinftiehem faċilment) u għall-industrija tal-fondi ta' investiment (fil-forma ta' sistemi simplifikati għall-amalgamazzjonijiet u l-kummerċjalizzazzjoni transkonfinali). Il-Lussemburgu għaldaqstant jista' japprova t-termini tal-ftehim milħuq.<br>Madankollu, fil-fehma tal-Lussemburgu, mhuwiex stabbilit jekk l-industrija hix ser tkun tista' tikseb l-ekonomiji ta' skala u l-profitti tal-produttività li hija kellha d-dritt tistenna. Billi twarrab ir-rekwiżit li funzjonijiet amministrattivi ewlenin jitwettqu fil-ġurisdizzjoni fejn il-fond ta' investiment ikun stabbilit, id-Direttiva l-ġdida tintroduċi l-potenzjal għal inċertezzi legali u fiskali għall-investituri, li x'aktarx jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-immaġini tal-marka tal-prodott Ewropew tal-UCITS madwar id-dinja. Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-Passaport għall-Kumpanniji ta' Amministrazzjoni kif definit fid-Direttiva ma jimminax il-kwalità tal-prodott UCITS, b'mod partikolari l-livell għoli ta' protezzjoni li dak il-prodott joffri lill-investituri finali.</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta’ tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b’rilevanza għaż-ŻEE)</td><td>PE-CONS 3631/3/08 REV 3</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2009/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar l-apparat tal-isteering ta’ tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (Verżjoni kodifikata) (Test b’rilevanza għaż-ŻEE)</td><td>PE-CONS 3632/2/08 REV 2</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mirja li juru wara ta' tratturi bir-roti tal-agrikoltura jew tal-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3635/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-veloċità massima skont id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija għat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3681/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li għandha x'taqsam mal-ispazju għall-immuntar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3682/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3683/6/08 REV 6 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-mekkaniżmu tat-tqabbid u t-treġġiegħ lura ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (Verżjoni kodifikata) Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3684/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dwal u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3685/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju prodotta minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompatibilità elettromanjetika) (verżjoni kodifikata)<br>(Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3686/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' apparati tad-dawl u li jagħmlu sinjal bid-dawl fuq vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3688/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal tagħmir ta' dawl u ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata)<br>(Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3689/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (kontroll statiku) (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3690/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2953 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) | 10603/09<br>+ COR 1 (fi)<br>+ REV 1 (mt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Olandiża**<br>L-Olanda tixtieq tissottolinja li d-dikjarazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)d tar-Regolament ERIC trid tagħmilha ċara li l-istat ospitanti jkun esprima r-rieda tiegħu, abbażi tal-Linja Gwida dwar il-VAT tat-22 ta' April 2009 maqbula unanimament (dokument TAXUD/24223/09), li jagħti l-eżenzjoni mit-taxxa lill-ERIC. | | | |
| Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 91/414/KEE biex jiġu inklużi ż-żjut tal-paraffin CAS Nru 64742-46-7, CAS Nru 72623-86-0 u CAS Nru 97862-82-3 bħala sustanzi attivi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 10385/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: AT, DK, PL |
| Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 91/414/KEE biex jiġi inkluż iż-żejt tal-paraffin CAS Nru 8042-47-5 bħala sustanza attiva (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 10386/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DK |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 563/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti awtonomi ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali | 10353/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 564/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-tariffi doganali komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd | 10354/09<br>+ COR 2 (lt)<br>+ REV 1 (en) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: ES |
| Direttiva tal-Kunsill 2009/69/KE tal-25 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-evażjoni tat-taxxa marbuta mal-importazzjoni | 10689/09<br>+ COR 1 (cs)<br>+ COR 2 (pt)<br>+ COR 3 (hu) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Dwar id-Direttiva inġenerali:
Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tiegħu li jkompli d-diskussjonijiet dwar il-parti l-oħra tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà transkonfinali insolidum u jinsab lest li jieħu kont tal-progress sa tmiem l-2009.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Dwar id-Direttiva inġenerali:
Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina fil-pront l-istabbiliment ta' skambju awtomatiku bejn l-Istati Membri tal-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 143(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112/KE u biex tippreżenta, meta jkun adatt, il-proposti leġislattivi meħtieġa sa tmiem l-2010.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Dwar l-Artikolu 143:<br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-eżenzjoni dwar l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 143(1)(d) tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tingħata biss fejn il-forniment sussegwenti ta' merkanzija fil-Komunità jinvolvi l-istess merkanzija li hija importata. | | | |
| Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3648/3/09 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>L-Awstrija tilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva li, fost l-oħrajn, ser ittejjeb kemm is-sigurtà tal-provvista kif ukoll l-integrazzjoni fis-suq u li, b'riżultat ta' dan, ser tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-industrija tal-elettriku fl-Ewropa.<br>B'kont meħud tar-rwol strumentali li r-reġjuni jew, rispettivament, is-swieq reġjonali għandhom fit-titjib tal-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista kif stipulat mid-Direttiva, l-Awstrija hija tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni tagħhom u jagħmlu użu minn miżuri adegwati u proporzjonati meta jimplimentaw id-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom. Minħabba l-fatt li l-"prinċipju tal-ekonomiji ta' skala" japplika, l-aktar notevolment, għalihom, huwa partikolarment importanti li ma jitqiegħedx piż żejjed fuq sistemi ta' trasmissjoni żgħar.<br>Għalhekk, l-Awstrija hija tal-opinjoni li, filwaqt li jiġi rispettat bis-sħiħ il-qafas legali tad-Direttiva, l-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni żgħar għandhom ikunu jistgħu jikkooperaw ma' opertauri ta' sistemi ta' trasmissjoni oħrajn u jdaħħlu ċerti funzjonijiet ta' trasmissjoni f'tali kooperazzjoni reġjonali.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Skont l-Anness A għad-Direttiva, fil-każ li tkun saret valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji fuq perijodu twil, tal-inqas 80 % ta' dawk il-konsumaturi li jkunu ġew ivvalutati pożittivament għandhom ikollhom tagħmir ta' sistemi ta' kejl intelliġenti sal-2020.<br>Hu mifhum li fil-każ li ma ssir l-ebda valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji fuq perijodu twil, tal-inqas 80 % tal-konsumaturi kollha għandhom ikollhom tagħmir ta' sistemi ta' kejl intelliġenti sal-2020. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE Test b’rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3649/3/09 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Eżenzjonijiet mis-sistema regolatorja mogħtija skont id-Direttiva 2003/55/KE u r-Regolament (KE) 2003/1228 eżistenti għal infrastrutturi ġodda transkonfinali jibqgħu japplikaw sad-data ta’ skadenza prevista fid-deċiżjoni tal-għoti ta’ eżenzjoni, ukoll wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE u tar-Regolament li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/1228. Dment li ma jkunx ipprovdut mod ieħor fid-deċiżjonijiet ta’ eżenzjoni nfushom, it-tali eżenzjonijiet għaldaqstant ma għandhomx jinbidlu bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonjiet dwar infrastrutturi ġodda previsti fl-Artikolu 36 tad-Direttiva emendata dwar il-Gass u l-Artikolu 17 tar-Regolament il-ġdid dwar l-Elettriku. | | | |
| Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija Test b’rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3650/1/09 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja u l-Ġermanja**<br>Fil-fehma ta' Spanja u l-Ġermanja, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija m'għandux jagħmilha possibbli għall-Aġenzija, taħt il-proċedura ta' kumitat, li tiġi assenjata kompiti addizzjonali għal dawk li għalihom din ġiet stabbilita.<br>Barra minn hekk, m'għandux jinħoloq preċedent peress li għal raġunijiet ta' ċertezza legali l-kompiti tal-aġenziji għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar fir-regolamenti li jistabbilixxuhom u, fil-każ li jkun hemm xi ħtieġa għal bidliet fil-kompiti tagħhom, għandha tiġi segwita l-proċedura leġislattiva tas-soltu għall-emenda ta' dawk ir-regolamenti, jiġifieri l-preżentazzjoni tal-leġislazzjoni proposta u l-applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3651/3/09 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Eżenzjonijiet mis-sistema regolatorja mogħtija skont id-Direttiva 2003/55/KE u r-Regolament (KE) 2003/1228 eżistenti għal infrastrutturi ġodda transkonfinali jibqgħu japplikaw sad-data ta' skadenza prevista fid-deċiżjoni tal-għoti ta' eżenzjoni, ukoll wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE u tar-Regolament li jħassar ir-Regolament (KE) 2003/1228. Dment li ma jkunx ipprovdut mod ieħor fid-deċiżjonijiet ta' eżenzjoni nfushom, it-tali eżenzjonijiet għaldaqstant ma għandhomx jinbidlu bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonjiet dwar infrastrutturi ġodda previsiti fl-Artikolu 36 tad-Direttiva emendata dwar il-Gass u l-Artikolu 17 tar-Regolament il-ġdid dwar l-Elettriku. | | | |
| Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 Test b'rilevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3652/5/09 REV 5 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi Dwar il-Viżi) | PE-CONS 3625/2/09 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża rigward intervisti fil-konsulati għall-applikanti għal viża**<br>Id-delegazzjoni Ġermaniża tilqa' b'mod ġenerali l-ftehim dwar Kodiċi dwar il-Viżi. Hija ma approvatx il-verżjoni attwali minħabba l-fatt li t-talba li hija kienet għamlet li l-applikanti għal viża għandhom jiġu intervistati ma ntlaqgħatx. Għaldaqstant id-delegazzjoni Ġermaniża ttenni l-proposta tagħha li, fil-prinċipju, applikanti għal viża li jkunu qed jippreżentaw l-ewwel applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu intervistati minn uffiċjal tal-konsulat peress li, fi kwalunkwe każ, tali applikanti huma meħtieġa jmorru personalment fl-uffiċċju tal-viżi biex jittieħdulhom il-marki tas-swaba' (eċċezzjonijiet: applikanti bona fide u applikazzjonijiet li jsiru permezz ta' fornituri ta' servizz esterni jew intermedjarji kummerċjali). Għalkemm l-Artikolu 10(1) tal-Kodiċi jistabbilixxi li l-applikanti għandhom imorru personalment meta jippreżentaw applikazzjoni u li l-Artikolu 21(8) jistipula li, matul l-eżami ta' applikazzjoni, il-konsulati jistgħu f'każijiet ġustifikati jsejħu lill-applikant għal intervista, dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkjarifikawx biżżejjed ir-rekwiżit tagħna. Id-delegazzjoni Ġermaniża issa tistenna li l-proposta tagħha tkun inkluża fil-Manwal għall-applikazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi. | | | |
| Direttiva 2009/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell ta' storbju kif jinstema' mis-sewwieq ta' trattur bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3687/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari | 10667/09<br>+ COR 1 (pl)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ REV 1 (bg) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>ĠUNJU 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Ġunju 2009** | | | |
| Negozjati mat-Turkija dwar l-Adeżjoni – Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-Kapitolu 16: Tassazzjoni | 11424/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

<table>
<tr><th colspan="2">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009</th></tr>
<tr><th>ATTI OĦRAJN</th><th>Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi</th></tr>
<tr><td>L-2946 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-4 u l-5 ta’ Ġunju 2009<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-komunikazzjoni bir-radju bejn unitajiet operattivi f'żoni transkonfini<br>10141/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi għall-2009-2012 rigward l-Indikaturi dwar it-Tnaqqis fil-Provvista u l-Istrumenti biex tkun Analizzata l-Effikaċja u l-Impatt tal-Politika dwar id-Drogi<br>9634/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu aħjar tas-SIS u s-SIRENE għall-protezzjoni tat-tfal<br>9148/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili<br>9976/09 + REV 1 (ro)+ REV 2 (sl)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) Rapport Annwali 2008<br>9410/2/09 REV 2<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Netwerk informali tal-UE ta' Relaturi Nazzjonali jew Mekkaniżmi Ekwivalenti dwar it-Traffikar tal-Bnedmin<br>8723/4/09 REV 4</td><td></td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra tlielaq illegali ta' vetturi bil-mutur<br>10140/09 + COR 1 (lv) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bbażati fuq il-VTKO 2009 u r-ROCTA<br>8301/3/09 REV 3 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-seba' Rapport Annwali tal-Eurojust (sena kalendarja 2008)<br>7682/09 + REV 1 (en) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>8793/09 | |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 20(3)**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(3) huma dispożizzjonijiet eċċezzjonali marbutin mal-kuntest tan-negozjati mal-Pakistan. Huma ma jifformawx preċedent għal negozjati oħra ta' ftehimiet Komunitarji dwar ir-riammissjoni, fejn l-eżitu għandu jeskludi tali restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bħala li jpoġġu l-piż tal-prova fuq il-partijiet li jinvokawhom, li f'dan il-każ , ir-responsabbiltà tagħhom ser tkun li juru prova tad-dħul tal-persuna fit-territorju tal-Istat rikjedenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-effetti tal-Artikolu 20(3), speċjalment fir-rigward tar-riammissjoni b'suċċess ta' ċittadini proprji esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, ser jiġu sorveljati mill-qrib, b'mod partikolari fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni.

Il-Kummissjoni, jew kwalunkwe Stat Membru kkonċernat, ser tkun tista' wkoll tirreferi kwalunkwe problema sinifikanti f'dan il-qasam lill-korpi kompetenti tal-Kunsill, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri biex din tiġi riżolta.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni minn Franza dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta fir-rigward tal-Artikolu 8(2)**<br>Franza tieħu nota tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 8(2) u tal-fatt li, fil-każ ta' tweġiba pożittiva għal talba ta' riammissjoni indirizzata minn Franza lill-Pakistan, hija għandha l-għan li tinkludi l-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar f'limitu ta' żmien massimu ta' 30 jum.<br>L-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta hekk maqbula għandha tiġi ssorveljata mill-qrib, b'mod partikolari fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni ulterjuri tas-SIS II<br>9787/2/09 REV 2 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-għeluq taċ-Ċentru ta' Detenzjoni tal-Bajja ta' Gwantanamo<br>10523/2/09 REV 2 | |
| **L-2947 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2009** | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' emenda għall-Protokoll ta' Kjoto skont l-Artikolu 20 tiegħu<br>10644/09 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-flessigurtà fi żminijiet ta' kriżi<br>10388/09 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Servizzi Soċjali bħala għodda għall-inklużjoni attiva, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u qasam għall-opportunitajiet tal-impjiegi<br>10052/09 + COR 1 (lv) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Opportunitajiet indaqs għal nisa u rġiel: tixjiħ attiv u dinjituż<br>10412/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inklużjoni tar-Rom10394/09 + COR 1<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa<br>10120/09<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar azzjoni fil-qasam tal-mard rari<br>10122/09<br><br>**L-2948 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI) li saret fil-Lussemburgu fid-9 ta' Ġunju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Prodotti ta' Investiment Mhux Professjonali Offruti Flimkien10496/09<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/445/PESK tad-9 ta' Ġunju 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO<br>9652/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tas-sorveljanza finanzjarja tal-UE<br>10513/1/09 REV 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għal Azzjoni favur il-Klima<br>10352/1/09 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa<br>10252/4/09 REV 4 + REV 4 COR 1 (sk)<br><br>**L-2949 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2009**<br><br>Regolament tal-Kunsill li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le<br>9903/09<br><br>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>10062/09<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (Verżjoni kodifikata)<br>9380/1/09 REV 1 + REV 1 COR 1 (sk)<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX<br>9579/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni: TEN-T: Eżami tal-politika "Lejn netwerk tat-trasport trans-Ewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport"<br>10649/09<br><br>**L-2950 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI) li saret il-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjoni Atalanta<br>10738/09<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 501/2009 tal-15 ta' Ġunju 2009 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE<br>10404/09 + ADD 1 REV 1<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/468/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/67/PESK<br>10403/09 + ADD 1 REV 1<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/466/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea mwettqa fil-qafas tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)<br>10303/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova<br>10912/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq<br>10794/09<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/467/PESK tal-15 ta' Ġunju 2009 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan u l-Pakistan u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2009/135/PESK<br>10542/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill għal impenn imsaħħaħ tal-UE fl-Afganistan u l-Pakistan<br>10742/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Kuxjenza Ewropea u t-Totalitarjaniżmu"<br>10710/1/09 REV 1<br><br>Emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej<br>9982/09<br><br>Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-Għeluq tal-Faċilità ta' Detenzjoni tal-Bajja ta' Gwantanamo u l-Kooperazzjoni Futura Kontra t-Terroriżmu, ibbażata fuq Valuri Kondiviżi, il-Liġi Internazzjonali, u r-Rispett lejn l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet tal-Bniedem<br>10967/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2951 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI) li saret fil-Lussemburgu fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani<br>10968/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu<br>10917/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill - Evalwazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar Kuba<br>10920/09 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Il-Kapijiet tal-Missjonijiet (HOMS) ser jintalbu jirrapportaw qabel it-tmiem tal-2009, filwaqt li jevalwaw is-sitwazzjoni u l-progress possibbli f'Kuba. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent<br>10736/2/09 REV 2<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran<br>11039/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2952 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD),<br>li saret fil-Lussemburgu fit-22 u t-23 ta' Ġunju 2009**<br><br>2009/510/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Awstralja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9936/09<br><br>2009/511/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Maqħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru<br>9941/09<br><br>2009/512/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9943/09 + COR 1 (cs)<br><br>2009/513/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9944/09<br><br>2009/514/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9946/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2009/515/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9959/09 + COR 1 (cs)<br><br>2009/516/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9960/09 + COR 1 (cs)<br><br>2009/517/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>9964/09 | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**<br>Fost l-oħrajn għal raġunijiet prammatiċi, huwa preferibbli li l-Komunità waħidha għandha tikkonkludi l-Ftehimiet mal-Awstralja, l-Emirati Għarab Magħquda, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, ir-Repubblika tal-Armenja, in-Nepal, l-Iżrael, ir-Repubblika tal-Indja u r-Repubblika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li dawn jiġu konklużi skont u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.<br>Dawn id-Deċiżjonijiet ma jikkostitwixxux preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet barra dawk imsemmijin hawn fuq, bħal, pereżempju, ftehimiet tat-tip previst bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħalltin.<br>Dawn id-Deċiżjonijiet ma joħolqu l-ebda kompetenza Komunitarja ġdida f'dak li jikkonċerna ftehimiet esterni dwar is-servizzi tal-ajru, u lanqas ma jaffettwaw id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha. | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' kontroll eżistenti li jirrigwardaw id-dudu li jdawwar il-weraq tal-qronfla u l-Qoxra ta' San José<br>10942/09 + COR 1 (nl)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn mira aħjar tal-għajnuna lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali"<br>10727/09 + REV 1 (el) + REV 1 COR 1 (el) + COR 1 (lv) | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tinsab lesta li teżamina flimkien mal-Istati Membri kkonċernati l-kwistjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mid-disponibbiltà tad-data statistika li tista' tintuża għall-finijiet ta' rfinar.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tinnota li t-twettiq ta' simulazzjonijiet ibbażati fuq il-metodoloġija użata fil-Komunikazzjoni jista' jinvolvi spejjeż relattivament għoljin għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni taqbel li l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jista' jappoġġa parti mis-simulazzjonijiet skont id-dispożizzjoni dwar l-assistenza teknika tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-Politika dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli<br>10722/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |

**Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Ġermaniża**
In-Numru 9 tal-Konklużjonijiet jirreferi għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi standard ta' kummerċjalizzazzjoni bażiku ġenerali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.
L-istabbiliment ta' tali standard bażiku jista' jissimplifika l-amministrazzjoni. Aħna nappoġġaw dan l-objettiv fil-prinċipju. Partikolarment ir-regolamenti li jservu primarjament biex jiffaċilitaw il-kummerċ jistgħu jiġu assenjati lill-operaturi ekonomiċi fil-ġejjieni.
Hemm, madankollu, xi oqsma partikolarment sensittivi ta' prodotti li fir-rigward tagħhom aħna għadna interessati fi skemi tal-UE għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur. Tali regolamenti speċifiċi għandhom jinżammu billi l-attivitajiet fis-settur privat ma joffrux sigurtà suffiċjenti f'dawn il-każijiet.
Dawn jinkludu b'mod partikolari:
- it-tikkettar tal-bajd b'informazzjoni affidabbli dwar it-tip ta' allevament,
- il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet fir-rigward ta' prodotti tal-ħalib (eż. identifikazzjoni ċara ta' sostituti tal-ġobon/l-hekk imsejħa "analogi tal-ġobon") u r-rekwiżiti rigward il-kummerċjalizzazzjoni tal-ħalib alimentari,
- id-definizzjoni ta' laħam tat-tjur, sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu żgwidati rigward il-freskezza u l-kompożizzjoni tal-prodott.

Bil-ħsieb tal-konsumaturi u l-produtturi, għandu għaldaqstant jittieħed kont ta' tali kriterji fir-reviżjoni tal-iskemi eżistenti u, jekk applikabbli, fid-deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' regolamenti ġodda. F'dan ir-rigward, il-gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ser jikkontribwixxi b'mod kostruttiv f'aktar diskussjonijiet dwar dan is-suġġett.

**Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Spanjola**
Id-delegazzjoni Spanjola tixtieq tissottolinja l-importanza tat-teħid ta' azzjonijiet u inizjattivi li għandhom l-għan li jirreklamaw fost il-konsumaturi, kemm ġewwa l-UE kif ukoll barra, il-mudell Ewropew ta' produzzjoni agrikola li huwa kkaratterizzat mill-istandards u rekwiżiti ambjentali, ta' kwalità u ta' saħħa għoljin li għalihom huwa soġġett.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Futur tal-PAK wara l-2013: ħlasijiet diretti"<br>10713/09 + COR 1 + REV 1 (el)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea<br>10915/09<br><br>**L-2953 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fi-25 ta' Ġunju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Lejn strateġija komprensiva ta' adattament tal-UE<br>10435/09 + REV 1 (mt)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (Sarajevo, 26 ta' Ġunju 2009)<br>10729/1/09 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tal-Ambjent fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp<br>10944/09 + COR 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fir-rigward ta' abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA dwar transitu komuni, li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' transitu komuni<br>10373/09 + REV 1 (lt) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea dwar l-adattament tal-Protokoll 10 dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u l-formalitajiet fir-rigward tat-trasport tal-oġġetti u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101<br>11029/09 + REV 1 (fi) + REV 2 (hu) | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**<br>Id-Deċiżjoni ma tippreġudikax id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' sistema elettronika komuni kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 3 tal-Anness I. Għandha tittieħed deċiżjoni dwar is-soluzzjoni adatta malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tal-protokoll, u din għandha tiġi implimentata kif adatt. Is-soluzzjoni għandha titfassal fil-kuntest tal-Grupp Doganali Elettroniku (GDE), u maqbula mal-Istati Membri u r-Renju tan-Norveġja. | |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar l-aġġornament tal-2009 tal-linji gwida ġenerali għal-linji ta' politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Komunità u dwar l-implimentazzjoni tal-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri<br>8250/09 + COR 1 (de) + COR 3 + COR 4 (fi) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija għall-finijiet tal-emendament tad-Deċiżjoni Nru 1/99 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar prodotti agrikoli pproċessati stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra<br>10604/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/509/PESK tal-25 ta' Ġunju 2009 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/406/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)<br>10358/09 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni provviżorja u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà<br>10336/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1 (lt) + REV 3 (hu) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Valutazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Bijodiversità u Lejn Strateġija tal-UE dwar Speċijiet Eżotiċi Invażivi<br>10575/09 | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Green Paper dwar il-ġestjoni tal-bijoskart fl-Unjoni Ewropea<br>10567/09 | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**<br>Il-ftehim ma jippreġudikax id-deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' sistema elettronika komuni kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 3 tal-Anness I. Għandha tittieħed deċiżjoni dwar is-soluzzjoni adatta malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim, u din għandha tiġi implimentata kif adatt. Is-soluzzjoni għandha titfassal fil-kuntest tal-Grupp Doganali Elettroniku (GDE), u maqbula mal-Istati Membri u l-Konfederazzjoni Svizzera. | |